MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 265/2008

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**V & C Contractors u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2009 giet mizjuda l-kelma "Limited"**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabilta skond il-ligi, thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, hames mija u tmienja u hamsin ewro u tmienja u disghin centezmu (€4,558.98) rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenuti f'taghmir proprjeta tal-Korporazzjoni attrici nhar id-19 ta' Frar 2005 f'Labour Avenue, Naxxar.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra uffijcali tas-27 ta' Lulju, 2006 u interessi legali mid-data li fih l-ammont kien dovut sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-vera kopja ta' Ittra ufficjali mibghuta taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (fol 2 ibid) kif ukoll ir-risposta relattiva skond l-artikolu citat (fol 6 ibid).

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet (fol 13 ibid) u li biha gie eccepit bir-rispett:

1. Preliminarjament, illi l-konvenut kif dedott m'ghandux personalita' guridika izda huwa guridikament inezistenti u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16.
3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-korporazzjoni attrici ghandha tipprova d-danni allegatament subiti minnha;
4. Fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-korporazzjoni attrici ghandha tipprova illi l-konvenut huwa effetivmaent responsabbli ghad-danni allegatament subiti minnha;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2009 a fol 17 u fol 18 tal-atti.

Rat in-nota rispettiva tal-partijiet dwar it-tieni eccezzjoni kif proposta.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-ewwel (1) eccezzjoni din giet sorvolata permezz tad-digriet gja msemmi moghti fil-21 ta' Jannar 2009 (fol 17 ibid) u li permezz tieghu giet awtorizzata l-korrezzjonijiet hemm mitlub sabiex tizdied il-kelma "Limited' f'isem is-socjeta konvenuta. Ta' minn jinnota illi kif jidher mir-risposta msemmija u esebita a fol 3 tal-atti u

li saret in konnessjoni mal-ittra ufficjali (fol 2 ibid) presentata taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 ibid, ma jissemma xejn illi suppost kellu jkun hemm il-kelma “Limited” f’isem is-socjeta’ konvenuta.

Illi dwar it-tieni (2) eccezzjoni sottomessa ossija l-preskrizzjoni ta’ din l-azzjoni, taht l-artikolu 2153 ibid fejn jinghad illi f’azzjonijiet ghal danni mhux risultanti minn reat kriminali, il-perjodu applikabbli hu dak ta’ sentenza.

Illi, kif jidher mill-istess avviz, l-incident in esami kien gara fid-19 ta’ Frar 2005.

Illi, sussegwentment, kienet giet presentata l-ittra ufficjali, msemmija fis-27 ta’ Lulju 2006 li giet debitament notifikata u kif gja nghad, saret l-opposizzjoni skond il-ligi kif hawn fuq premess.

Illi din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju illi d-dekorrenza tal-perijodu ta’ preskrizzjoni kienet giet interrotta permezz tal-att gudizzjarju msemmi li fih il-Korporazzjoni attrici uriet bic-car illi kienet intenzjonata li tikkonserva d-dritt li tithallas l-ammont allegatament dovut. Hu minnu illi f’din l-ittra ufficjali thalliet barra il-kelam “Limited” kif di gja gie premess. Pero, avolja kien hemm dan id-difett fil-forma u mhux fis-sustanza, ghandu jopera f’dan il-kaz, l-artikolu 2129 tal-kodici Civili.

Illi dan l-avviz gie presentat fit-23 ta’ Lulju 2008, u notifikat fis-7 ta’ Awissu 2008 u ghalhekk anke jekk ghal ftit granet u b’operat ukoll tal-artikolu 2130 tal-istess Kodici Civili, il-perjodu ta’ preskrizzjoni ma kienx iddekorra .

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in esami u tordna li dan il-kaz jitkompla fil-meritu u sabiex jigu konsiderati l-eccezzjonijiet rimanenti fil-meritu ukoll.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------